**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA

TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 26 – It-Tlieta 16 ta' Dicembru 2014 fil-17.00hrs**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr.Marc Sant | Minority Leader |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NR 26 TAL-LAQGHA TA' L-ERBGHA 26 TA' NOVEMBRU 2014.**

1.1 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Massimo Scerri, minuti nr 26 gew approvati unanimament wara li saru xi korrezzjonijiet.

1.2 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant rega' tkellem fuq il-Kuntratt ta' ELC fejn iccara li hu kien qal li l-kuntratt ilu skadut, u kien f'dak is-sens li qal li wiehed ghandu jerga' jhares lejh u zgur mhux biex jizdied il-prezz li l-kunsill qieghed ihallas ghas-servizz.

**2. ARISING**

2.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li l-hadid li kien ser jintuza bhala railing fuq iz-zuntier issa jista jitwahhal fi Triq Sant Andrija. Is-Sindku esprimit li l-problema hija, li l-haddiema tal-Kunsill huma bil-leave allura dan ix-xoghol irid jistenna meta jidhlu mill-vaganzi tal-Milied.

2.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq is-sigra ta' l-ghenba f'Sqaq Nru.2 fi Triq Preziosi. Hija kompliet issostni li peress din hija barra, hija kontra l-ligi u barra minn hekk hija kibret b'tali mod li qed tinvaza il-bjut tar-residenti l-ohra. Hawnhekk is-Segretarju nfurmat li hija

kienet ghada kif kellmet lis-Sur Cachia biex jaqta' l-frieghi minn din is-sigra peress li dawn huma ta' periklu ghax li qed imissu mal-wires ta' l-elettriku. Is-Sur Cachia qal li din qeda mal-faccata tieghu u ilha erbghin sena. Huwa qal ukoll li meta jasal iz-zmien din tinzabar.

2.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia kompliet tghid li din hija kwistjoni tar-residenti bejniethom anke fuq il-kwistjoni tal-hwat li jaghmilha difficli ghas-Sur Cachia biex dan ikun jista johrog lill-mara tieghu bil-wheelchair.

2.4 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issugerit li ghandna nibghatu lil Dennis biex induru r-rahal u naraw xi hwat hemm illegali u wara li ngibu l-informazzjoni tar-residenti ghandha tinbaghat ittra, wara gimgha jerga jmur Dennis biex jiccekkja u jekk dawn il-hwat ikunu ghadhom hemm ghandna nikkunttatjaw lir-resident koncernati u jekk jibqa ma jsir xejn ghandhom jittiehdu passi ohra. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

2.5 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq ik-konok ta' fuq iz-zuntier. Is-Sagristan kellem lis-Sindku u hu stess ser jghin biex dawn jingarru fejn ikun irid il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jittiehdu fil-gnien tal-Mirakli.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Segretarju, nfurmat li l-Compliance Certificate biex inkunu nistghu napplikaw ghal meter tad-dawl fil-Mithna issa kien wasal u nistghu nipprocedu biex nitfghu l-applikazzjoni ghal-meter.

3.2 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq ittra minghand Mr. Chris Pullicino fuq it-tender tal-gnien tal-Mirakli. Is-Segretarju qalet li l-Awdituri kienu talbu Bid Bond tat-Tender tal-Gnien Tal-Mirakli u din l-email kienet ir-risposta ghaliha.

3.3 Dr. Marc Sant staqsa ukoll fuq korrispondenza ta' Triq Il-Pantar. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li TM irrispondew lill-Kunsill li Triq il-Pantar mhiex triq arterjali. Is-Segretarju kompliet tinforma li l-MEPA infurmaw li hemm tlett possibilitajiet li l-Kunsill jista' jaghmel jew li japplika biex din it-triq tigi triq arterjali, jew jintalbu fondi mid-Dipartiment ghal manutenzjoni ta' din it-triq jew jintalab biex din it-triq ma tibqax fuq il-konfini ta' Hal Lija.

3.4 Il-Kunsill qabel li ghandna tinkiteb ittra lill-Electoral Commissioner biex din it-triq ma' tibqax fil-konfini ta' Hal Lija jew ghandna tinkiteb ittra biex din it-triq tigi arterjali.

3.5 Is-Segretarju nfurmat li l-AID Ltd li kienu tefghu t-tender fuq il-live Streaming kienu qieghdin joggezzjonaw li kienet l-irhas. Is-Segretarju ghamlet kuntatt ma' Mr. Chris Pullicino u hu talab ic-certifikat ta' l-engineer ghax l-engineer kien iccertifika li barra l-prezz teknikament it-tender tal-Correct Termination Ltd kienet ahjar allura l-appell jaqa.

3.6 Il-Laqgha tal-Kunsill giet sospenduta fil-05.40p.m. peress li gie il-haddiem tal-Kunsill, is-Sur Michael Bedingfield biex jitkellem dwar ix-xoghol li kien qed isir mill-Camray Ltd fuq il-Culvert ta' Tria Giovanni Barbara c/w Transfiguration Avenue li kien ser jigi jiswa € 550.00

3.7 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, spjegat li dan ix-xoghol kien inbeda u twaqqaf biex il-Kunsill jiddiskuti li l-rizultat finali ikun dak li xtaq il-Kunsill, li jkun jista' jigbed l-ilma ghat-tisqija.

3.8 Is-Sur Bedingfield spjega li x-xoghol b'dik il-kwotazzjoni kien ser isir biss biex ma jzommx l-ilma quddiem ir-residenzi f'din it-triq. Huwa qed jissugerixxi li dan ix-xoghol isir xorta wahda, xejn xejn jitnehhew il-puddles. Is-Sur Bedingfield spjega li huwa jahseb li xorta wahda ikunu jistghu sibu l-kanal biex ikunu jistghu jigbdu l-ilma permezz ta' flexible pipe. Huwa kompla jghid b'hekk jista' jerga' jinstab il-kanal ta' qabel u b'gebla wahda tolqot tnejn.

3.9 Il-Kunsill qabel li ghandu jitkompla dan ix-xoghol mill-Camray, alavolja b'riskju u eventwalment il-haddiema ikunu jistghu iqabbdu l-pipe. Din il-bicca xoghol qed issir biex il-Kunsill jiffranka l-bowzers ta' l-ilma li l-Kunsill qed igib ghat-tisqija.

3.10 Il-GO qatt ma ammetta it-tort fuq dan is-sadd.

3.11 Il-laqgha kompliet fil-05.50 wara li l-haddiem tal-Kunsill hareg mill-kamra.

3.12 Il-Minority Leader staqsa fuq korrispondenza li tirrigwarda surfacing ta' toroq godda. Is-Segretarju nfurmat li din kienet ittra fejn it-TM staqsew biex nibaghtu l-lista ta' new roads li hemm bzonn li jsiru f'Hal Lija u l-Kunsill irrisponda li Triq Giuseppe Cali ghandha bzonn *first time construction.*

3.13 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi fakkret ukoll li hemm Triq Depiro Gourgion li ukoll ghandha bzonn *first time construction*. Ghandha tinbaghat ittra lit-TM.

3.14 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq korrispondenza fuq l-Ambaxxatur taz-zghazagh. Is-Segretarju nfurmat li ma kienx hemm feedback minghand hadd. Hija qalet li d-Dipartiment jistaqsu rigward dan imma dejjem nirrispondu fin-negativ.

3.15 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq l-ilment tas-sigar li nzabru fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. Kien hemm hafna lmenti li dawn is-sigar inzabru hazin. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi rrispondiet li kienu ilhom ma jinzabru sewwa dawn is-sigar u kellhom bzonnha biex fir-rebbiegha isiru sbieh. Hija kompliet tghid li Dr. Cuschieri ta' L-ELC ukoll qal li ghandna ninjoraw dawn l-ilmenti ghax dawn in-nies mhumiex experts u l-ELC jafu x'qed jaghmlu.

3.16 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa jekk is-Sur Stephenson regax staqsa biex nibghatulu il-mappa ta' l-EneMalta. Is-Segretarju nfurmat li wara li rispondejnieh dan ma regax gie lura. Il-Kunsill ihallas ghal din il-mappa allura ma jistax jaqbad u jaghtiha lil kull min jitlobha.

3.17 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-bankina tal-Housing Estate fejn irringrazzjawha ta' din il-bankina ghax giet tajba hafna.

3.18 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li wara li kien ircieva complaints fuq il-lights u zebra crossing ta' Triq In-Naxxar ghax hemm periklu kbir minghajrhom, hija ghamlet kuntatt mat-TM fejn giet infurmata li l-lights ser isiru temporanjament matul il-jiem li gejjin u zebra crossing ser issir ukoll. Dawn ser isiru temporanjament sakemm isiru il-lights propja.

3.19 Is-Sindku, S-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li kien ircieva risposta minghand Ms Audrey Testaferrata De Noto, TM fuq ir-request li l-Kunsill kien ghamel fuq il-bankina ta' Preziosi Street. Ms. Audrey Testaferrata De Noto infurmat lill-Kunsill li b'din il-bankina ser jintilfu l-parking spaces u jekk il-Kunsill ridux li jsir hekk? Gie decis li ghandha tinbaghat ittra lir-residenti ta' Merino Street u Preziosi Street li ghas-sahha u sigurta hemm progettat li ssir bankina dejqa minn fejn il-Bus Stop sa Villa Francia u li b'hekk ser jintilfu xi parking spaces. Min ghandu xi oggezzjoni ghandu jikkuntatjha lill-Kunsill sa zmien gimgha.

3.20 Il-Minority Leader staqsa fuq il-korrispondenza tal-Playground Inspections. Is-Segretarju nfurmat li dan ir-rapport dejjem taddih lill-haddiema tal-Kunsill biex jirrangaw li hemm bzonn imma bhalissa il-haddiema qeghdin bil-leave allura ma jistghux jaghmlu dan ix-xoghol. Dan ir-rapport jasal ghand il-Kunsill kull hmistax.

3.21 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li Char Construction gab il-kwotazzjoni tat-tlett bicciet xoghol li tlabna, il-bankina ta' Bronja, il-bankina ta' the Pines nr 3 Triq Annibale Preca u Central Strip bil-kulur ahmar ta' Triq Wigi Muscat ghal prezz ta' €1200.

3.22 Il-Kunsill qabel ma' din il-kwotazzjoni imma dawn iridu jistennew l-allokkazzjoni tal-Gvern.

3.23 Minhabba is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill,is-Segretarju nfurmat li kellmet lill-ufficcjal tal-HSBC Balzan fuq il-possibilita li l-Kunsill jiehu overdraft jew loan. Dan l-ufficjal qal li overdraft ma tinghatax ghax dan hija xi haga ghall-business u anke loan ghax kemm fuq overdraft u kemm fuq loan iridu jithallsu l-interessi. Qabel xejn irridu niehdu l-permess tad-Dipartiment u l-iktar niehdu loan. Imma biex niehdu loan irid ikollna xi garanzija fuqiex niehdu l-loan. Jekk niehdu overdraft ma nistghux naghmlu xogholijiet qabel ma jithallsu l-creditors.

3.24 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li hija tkellmet ma' ufficcjal iehor mill-HSBC u qaltilha li l-Kunsill la irid jiehu loan u lanqas overdraft. Il-Kunsill kull ma jrid hu li sakemm nircievu l-allokkazzjoni ikollna e-way ta' forsi €10,000 biex nistghu inkomplu. Is-Segretarju giet nfurmat mill-Bank li dejjem irridu nhallsu l-interessi.

3.25 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-laqgha li kellha fillghodu fuq zewg binariji cioe, fuq l-EU funds u fuq Gemellagg.

3.26 Inghataw guidelines fuq EU funds li wiehed jista jibbenefika minnhom kemm ghal-twinning u kemm ghall-attivitajiet tal-Kunsill nistghu napplikaw ghalihom. Dawn il-progetti huma progetti 'high standard kif fuq skala nazzjonali u kemm ghal barra minn Malta.

3.27 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ssugerit li ghandna napplikaw ghal dawn il-progetti u nistghu morru ghal talent Malti bhal, baned Maltin, Ghana u Folklor. L-attivitajiet iridu jkunu centralizzati u kkoncentrati fuq oggett wiehed biss. Hemm fond mill-Gvern ta' xi €4,000.000 li ser ikun miftuh ghal-Kunsilli Lokali. Jekk napplikaw ghal dawn il-fondi u jkun progett tajjeb ninghataw 50% tal-fondi qabel l-attivita u 50% tal-fondi waqt l-attivita. Irridu nipprezentaw ritratti u forsi anke ikun hawn min jigi jisspezzjona l-attivita biex meta jigu l-Awdituri ikollna kollox organizzat anke il-files u l-ircevuti.

3.28 Is-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li din is-sena m'ahniex ser ninghataw fondi ghal Festa tac-Citru peress li l-fondi nghataw lill-attivitajiet li ser isiru barra. Hija lmentat ma' Sur Cohen li huwa l-konsulent tas-Segretarju Parlamentari ta' l-Assocjazzjoni li l-Kunsill ma kienx infurmat bir-regoli godda biex ninghataw fondi ghal attivitajiet kulturali.

3.29 Is-Sur Cohen qal lis-Sindku biex terga' tibaghtlu l-Budget fuq il-Festival Tac-Citru biex jara x'jista jaghmel. Hija spjegat lis-Sur Cohen li ser isir exhibition fil-Mithna u anke it-Torri ser ikun miftuh allura l-attivita mhux kompletament ser issir gewwa. Irridu nistennew risposta minghandu biex nipprocedu.

3.30 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li ghandha taghddi lill-Kunsillliera l-guidelines il-godda hekk kif gie spjegat fil-laqgha li hi attendiet filghodu fuq il-fondi ta' Attivitajiet Kulturali.

3.31 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill fuq l-exhibition li ser tiftah il-Borgo H'Attard ta' Wirth u Cavarra koppja mizzewga li huma artisti b'xogholijiet eccellenti. Din il-koppja anke accettat li jaghmlu din l-esebizzjoni fit-Torri fil-11 ta' Jannar 2015 waqt il-festival tac-Citru (weather permitting) u jekk filkas jidhlu gewwa. Il-Mithna ukoll ser tkun miftuha. Issa li jonqos hu li jitwahhal l-arlogg tad-dawl. Il-Compliance Certificate kien wasal l-Ufficcju tal-Kunsill, irridu l-firma ta' l-electrician tal-Kunsill u wara nkunu nistghu napplikaw ghall-arlogg minghand l-EneMalta

3.32 Hija kompliet tghid li tixtieq il-feedback mill-Kunsill fuq il-lista ta' l-artigjanat anke ta' dawk li jaghmlu l-cocktails u mocktails. Hija qalet li dawn jistghu joqghodu fis-sala tal-kappillan imma il-Minority Leader Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia qed jissugerixxi li dawn ikunu l-Mithna. Is-Sindku qalet li l-nies ma jistghu imorrux minn naha ghal naha ohra. Kien hemm min isugerixxa anke li ssir tinda zghira fil-Mithna. L-istalls iridu jithallsu minn qabel fl-Ufficcju tal-Kunsill. Is-Sindku ghandha titkellem mal-Kappillan biex ghas-sala, il-Kunsill ma jhallas xejn. Ghandha titkellem ma' tal-Banda biex ingibu zewg studenti u naraw kemm bl-inqas li jistghu jehdulna inkella ma ngibuhomx. Ghandhom jigu ikkuntattjati tal-mandolina u accordion biex jiehdu sehem. Dawn is-soltu jehdulna prezz baxx hafna ta' €20

3.33 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant qal li b'dan il-mod ser tigi wisq *spread out* imma S-Sindku qalet li jkun ahjar hekk ghax in-nies jimxu mar-rahal. Gie issugerit li ssir Train ghalhekk ghandu jigi iccekkjat il-prezz ta' Train minn hdejn It-Torri ghas-sala u ghal Mithna.

3.34 Kif qed nitkellmu fuq l-ispejjes tal-Festival tac-Citru, s-Segretarju tat rendikont ta'; kemm hemm flus fil-kontijiet tal-Bank tal-Kunsill. Hija qalet li hemm €10,000 li huma bizzejjed ghal-pagi u CIR ghax-xahar ta' Dicembru 2014

3.35 Is-Segretarju kompliet tghid li kienu nbaghtu il-pagamenti ta' Ottubru. Imma pagameti ta' Ottubru li jammontaw ghal kwazi €11,000 u pagamenti ta' l-ahhar jammontaw ghal €26,801. Issa s-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li sa l-ahhar tas-sena il-Kunsill ser ikun fadalu ihallas €46,387.37. F'Jannar ser ikollna dan l-ammont u l-pagamenti ta' Jannar x'jithallsu.

3.36 Is-Sindku staqsiet meta ser issir il-laqgha tal-lokalita u tat zewg suggerimenti, (a) jew issir ittra lir-residenti u nispjegawlhom is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill bhalissa (b) issir il-laqghat tal-pubbliku kmieni kemm jista jkun biex jigi spjegat lir-residenti din is-sitwazzjoni.

3.37 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li irridu noqghodu attenti kif nispjegaw lin-nies din is-sitwazzjoni peress li qed jinghadu xnihat li xejn m'huma sbieh. Dan ikkonfermah is-Sur

Massimo Scerri u anke s-Sinjorina Lorraine Farrugia kkonfermat dan anke ghal fatt li Triq Id-Dejqa damet daqshekk ma ssir.

3.38 I-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi iccertat dan il-fatt billi qalet li hija gieli qalet lil xi ghaqdiet bin-nuqqas ta' finanzi fil-Kunsill ghax f'hin jew waqt kien hemm mis-management tal-flus. Anke l-awdituri gibdulna l-attenzjoni dwar dan.

3.39 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant sostna l-fatt li ghalhekk ilu issostni li x-xoghol fuq il-Culvert Giovanni Barbara c/w Transfiguration Avenue ikun lest biex niffrakaw il-flus ta' l-ilma li qed jinghata lilna bil-bozwer.

3.40 Is-Sindku, qalet li l-Kunsill irid jahdem flimkien anke il-facebook mhux qed jaghmel gid lill-Kunsill.

3.41 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li fil-passat kullhadd kien jonfoq il-flus bl-addocc bhal ma gara fil-ktieb 'Hal Lija Fi Tfuliti' fejn il-Kunsill nefaq hafna flus biex gie stampat; imma s-Sindku qalet li min kien jaghmel hekk u min kien responsabbli irid issa jerfa r-responsabbilita.

3.42 Is-Segretarju nfurmat li fit-2012 kien hemm diga id-deficit minhabba l-PPP imbaghad fid-2013 saru hafna kuntratti u tenders li kien hemm bzonn li jsiru. Barra minn hekk fit-2013 saru hafna attivitajiet fejn il-Kunsill ukoll nefaq hafna flus. Is-Segretarju nfurmat ukoll li id-dejn li l-Kunsill ghandu huwa apparti mid-dejn tal-PPP Toroq li huwa ta' €14,000 sat-2020. Hija spjegat lill-Kunsilliera li l-allokkazzjoni tal-Gvern tibqa dejjem l-istess ghall-Kunsilli kollha.

3.43 Gie deciz li jsir appuntament mal-Monitoring jew Mad-Direttur fejn is-Sindku u Segretarju jispjegaw u jitolbu direzzjoni fejn jidhol il-finanzi tal-Kunsill.

3.44 Gie deciz ukoll li ghandu ssir laqgha ma' Johanna, l-Accountant u nibazaw il-laqgha fuq l-allokkazzjoni li nkunu hadna minghand il-Gvern biex isir Budget ghas-sena 2015.

## 4. VIP LIST

4.1 Il-Kunsill ircieva e-mail minghand il-Minority Leader Dr. Marc Sant fuq e-mail li hu kien ircieva minghand is-Sur Mifsud fuq Proposed sensor traffic lights mit-Three Villages Bar f'Annibale Preca ghal Barumbara. Ghandhna tinbaghat request lit-TM.

4.2 Is-Sindku tkellmet anke fuq proposed Traffic lights fi Triq il-Kuncizzjoni minn fejn il-MUZEW sa fejn joqghod Dr. Tonio Borg fi Triq il-Forn. Peress li ma kienx hemm consensious fuq din il-Kunsill iddecieda li l-ewwel issir konsultazzjoni l-ewwel mal-Kunsill imbaghad mar-residenti.

4.3 Is-Segretarju staqsiet ghal-kjarifikazzjoni ghal pagament ta' l-Ells Ltd fuq patching fi Trejqet Kjeriku Gakbu Abela ghall-ammont ta' €14,000.

4.4 Hija kompliet tghid li x-xoghol kien approvat mill-Kunsill imma ma jidirhx li kien hemm approvazzjoni ta' kemm kien ser jiswa dan ix-xoghol. Il-Kunsill qabel li ghandu jithallas.

4.5 Is-Segretarju tkellmet fuq il-pagament fuq Live Streaming u li dan ghandu jghaddi ghand id-Dipartiment sa l-ahhar ta' Jannar 2015 u irridu immorru LIVE sa l-ahhar tas-sena 2014. L-ispiza telghat ghal €2,419 u l-fondi mill-Gvern ser jammontaw ghal 2,000 allura l-Kunsill xorta wahda irid johrog id-differenza.

4.6 Il-Kunsill qabel li l-pagament ghal Live Streaming ghandu jinbaghat kif tidhol l-allokkazjoni mill-Gvern biex inkunu *just in time* biex nibghatu l-ircevuta lid-Dipartiment sa l-ahhar ta' Jannar 2015.

4.7 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq it-€8,000 li l-Kunsill ghandu bhala fixed account. Kemm is-Segretarju u kemm is-Sindku u anke l-Kunsill qablu li dawn inhalluhom fixed ghal tlett xhur li gejjin ghal li jista' jinqala.

4.8 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issugerit li ghandna inbiddlu l-mod ta' kif inhallsu u nibdew inhallsu by installment. Is-Segretarju ghandha tiehu parir dwar dan.

4.9 Ms. Campbel tixtieq terga taghmel request biex il-parking bay ta' quddiem il-bieb taghha tinqasam. Is-Segretarju spjegat li din kienet ghaddiet mill-Kunsill imma jekk dan isir zewg karozzi zghar biss ikunu jistghu jipparkjaw. Minn naha l-ohra jekk dawn il-parking spaces nifirduhom inkunu qed infixklu karozzi li jridu johorgu u jidhlu fil-garaxxijiet taghhom. Il-Kunsill iddecieda li din ma tistax issir u ghandhna ninfurmaw lil Ms Campbell.

4.10 Request minghand is-Sinjura Coleiro ghal mera faccata ta' dar taghha fi Triq Annibale Preca. Il-Kunsill iddiskuta din ir-request li jekk din hija ghal uzu privat ma tistax issir. Il-Kunsill qabel li din ghandha ssir flimkien ma' mirja ohra li ghadhom pendenti.

4.11 Is-Segretarju nfurmat li l-bollard ghal Ms.Young fi Triq San Licinju kienet ordnata.

4.12 Request minghand Mr. Mallia Carmel rigward biex tikber ftit il-kaxxa ta' quddiem il-garage tieghu fi Triq Sir Ugo Mifsud ezatt hdejn ta' Bonaci Confectionery. Kif ukoll isir re-freshing tal-kaxxa ghaliex m'ghadiex tidher hafna u alavolja hemm din il-kaxxa xorta qeghdin jipparkjaw. Ir-refreshing jista jsir mill-haddiema tal-Kunsill imma ir-request l-ohra biex tikber il-kaxxa trid tigi iccekkjata ghax jekk filkas jista jsir one meter yellow lines fuq kull naha ghax il-kaxxa issa giet kontra l-ligi.

## 5. KOMUNIKAZZJONI MINGHAND IS-SINDKU

5.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li s-Sagristan kien kellimha fuq ir rampa ta' fuq iz-zuntier u li huma lesti li jaghmluha huma. Hija kompliet tispjega kif din ser issir. Is-Sagristan qed jaghmel request ghal bollard li tkun tista tinqala. Il-Kunsill qabel ma din ir-request imma l-ewwel ghandna niehdu l-parir tal-Perit.

**5.2** Is-Segretarju nfurmat fuq il-patching ta' Mrs.Agius, ghandu jigi ikkuntatjat il-Perit biex imur ikejjel qabel ma jsir ix-xoghol u mhux wara. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar gibdet l-attenzjoni ta' l-patching li sar mill-Ells Ltd fi Trejqet Gakbu Abela, kif setgha l-perit ikejjel il-fond wara li kien tlesta x-xoghol. Ghandu jigi ikkonsultat il-Perit biex jiccara dan il-fatt.

## 6. BYE-LAW

6.1 Gie deciz li ghandha tigi pprintjata din il-byelaw, tithalla l-Ufficcju ghal konsultazzjoni mar-residenti. Din trid tohrog bejn tlett jew sitt gimghat qabel il-konsultazzjoni. Din il-konsultazzjoni ser issir fil-laqgha tal-lokalita li hija prevista li ssir ghall-ahhar ta' Jannar 2015.

## 7. KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERA

7.1 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issugerit li terga tinbghat ittra lill-bars u l-kazini fuq il-gbir ta' l-iskart peress li hemm xi clubs li qed johorgu l-garbage tard filghaxija u bil-lejl. Is-Segretarju nfurmat li l-Contracts Manager ghandu jitkellem ma' Club partikolari fuq dan l-ilment ghalkemm mill-Ufficcju tkellima diversi drabi maghhom.

7.2 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal li suppost il-Clubs u Kazini ikollhom il-kuntratti ta' gbir ta' skart taghhom ghax il-Kunsill suppost jigbor biss id-domestic waste. Huwa ghandu jiccekkja dwar dan u wara ghandna niltaqghu mas-sidien tal-kazini u l-clubs u nispjegawlhom. Jekk huma ma jonorawx din id-decizjoni jinhareg warning u wara tlett warnings ikollhom ihallsu ghal gbir ta' l-iskart.

7.3 Il-Sinjorina Stephanie Cutajar regghet tkellmet fuq il-problema tal-parking hazin quddiem il-clubs u bars, il-Grasshopper u l-Kazin tal-Football. Hija qalet li m'ahniex naghtu daqshekk kas din il-problema. Hija taf ezatt min huma n-nies li qed jipparkjaw hazin. Dawn il-problemi jistghu jkunu severi hafna specjalment jekk tkun trid tghaddi xi ambulanza u l-Kunsill jehel jekk jinqala xi haga.

7.4 Is-Sinjorina Cutajar qalet li l-Kunsill mhuwiex qed jigi irrispettat u anke bil-kummenti taghna m'ahniex qed nirrispettaw lill xulxin. Irridu dejjem naqbzu ghal xulxin

7.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia anke qalet li kien ikun hemm notice taz-zibel hdejn is-Salvatur il-Qadim, Din xi hadd qalaha ghax anke halew l-insimer mal-hajt. Din ghandha terga tehel notice ohra.

7.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia regghet gibdet l-attenzjoni li l-garbage ma kienx ingabar fiz-zona kollha tal-Mirakli u anke ma kienx ingabar l-iskart tal-mama taghha. Hija qed tistaqsi ghaliex ma inhargietlux warning? Is-Segretarju nfurmat l-kuntrattur kien informa li kien inbidel id-driver. Is-Sinjorina Farrugia nfurmat ukoll li meta jinhareg il-garbage fil-kaxxi tal-kartun qed jingabru l-boroz is-suwed u jithallew il-kaxxi tal-kartun. Is-Segretarju spjegat li l-kaxxi tal-kartun jingabru biss kull nhar ta' Tlieta meta jingabar ir-recycling. Hija nfurmat ukoll li l-hgieg ghandu jinhareg fil-kaxxi tal-kartun imma wara l-kaxxi ghandhom jergghu jiddahhlu gewwa.

7.7 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li fi Triq Hal Bordi kien hemm bozza imma minhabba xi progett din kienet tnehhiet. Hija qed taghmel request biex il-lampa terga titwahhal ghax hemm hafna dlam

7.8 Is-Sindku, S-Sinjura Magda Magri Naudi fakkret ukoll fuq il-flood lights ta' fuq iz-zuntier u s-Segretarju nfurmat li poles ma fejn jehlu m'hemmx, pero hemm pole wiehed hdejn id-dar ta' Mrs.Conti fejn dawn il-floodlights jistghu jehlu. Is-Segretarju nfurmat li kienet baghtet e-mail lill-Kunsill kollu kemm ser tigi l-ispiza biex jehlu dawn il-floodlights.

7.9 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat lill-Kunsill li r-residenti ta' Triq Id-Dejqa, li fis-shutdown il-kuntrattur li ser jaghmel Triq Id-Dejqa, ser imur ihabbat bieb bieb u jghidilhom ser jigri fuq it-Triq.

7.10 Ir-residenti ta' din it-triq qed jistaqsu jekk il-kulur hux ser jigi jaqbel ma' l-isqaqien l-ohra jew ser jitbiddel. Fuq dan, il-kulur gie ikkonfermat li ser ikun bhal ta'l-isqaqien l-ohra.

7.11 Peress li hemm il-bokka tax-xelter hdejn id-doggy bin, irridu naccertaw ruhna li ma jkunx hemm sadd, ghalhekk il-Perit ghandu jkun 'hands on' u jiccekkja l-affarijiet

7.12 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq jekk giex ikkonfermat li kien hemm double payment fuq il-PPP. Is-Segretarju nfurmat li dan ghadu ma giex ikkonfermat imma ghandha tigi kkonsultata l-Accountant biex dan jigi kkonfermat

7.13 Is-Sur Massimo Scerri staqsa fuq l-Interim Audit li sar sal-31 ta' Lulju 2014., Is-Segretarju nfurmat li l-Audit sar u spicca. Kienet inbaghtet draft management letter u Adjustments mill-Awdituri li ghandhom jittrangaw mill-Accountant. L-awdituri nfurmaw li wara li jsiru l-Adjustments mill-Accountant, l-Accounts iridu jergghu jghaddu mill-Kunsill qabel ma tohrog il-Management letter finali.

7.14 Is-Sur Massimo Scerri staqsa fuq il-kont tal-Catering tal-University Residence ta' attivita' li saret is-sena l-ohra wara l-Festa. Dan kien ikkonfermat li jithallas fi tlett darbiet u qed nipprovaw nikkuntattjaw lill-University Residence biex ninfurmawhom dwar dan. Is-Segretarju nfurmat ukoll li meta jirrnexxilna naghmu kuntatt mal-University Residence nergghu nistaqsuhom fuq il-kotba li suppost huma kienu semmew meta inghalqet il-librerija.

7.15 Il-Minority Leader tkellem fuq ir-rapport ta' NAO li kien hareg il-gurnata ta' qabel pero dan kien fuq il-Website u ma inbaghatx il-Kunsill. Dan jidher fuq il-Website ta' NAO.

7.16 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant tkellem fuq il-Catch the Drop u qed jisugerixxi li dawn isiru fil-public toilets u bjar taht il-Pjazza, fil-gnien u taht il-Mithna. Is-Sindku ssugerit li ghandu jitnaddaf il-bir tal-Mithna anke biex niffrankaw mill-fondi li ser niehdu mir-Regjun fuq dan il-progett. Hemm ukoll bjar hdejn is-Sindku anke hdejn il-Kazin tan-Nazzjonalisti u hdejn it-tifel ta' Fenech Adami. Iridu jinbaghtu l-haddiema tal-Kunsill biex jiccekkjaw dan il-bir. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issugerit li jsir tap ta' l-ilma imma fuq dan xejn ma gie decis.

7.17 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant informal il-Kunsill li huwa kien tkellem mas-Segretarju ta' l-Iklin li jekk ikun hemm xi kuntratti li jkunu ser jiskadu jew jergghu jinhargu godda nipprovaw naghmluhom regjonali. Huwa qal li din taghmel sens.

7.18 Is-Sindku kompliet izzid li anke fil-laqgha li kienet marret hi, s-Sur Cohen qal li forsi jkun hemm personnel regjonali li jkunu jistghu jghinu anke fuq fondi ta' EU.

7.19 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar, qablet ukoll dwar dan ghax anke tkellmu fuqha f'laqgha tal-Majjistral li jkun hemm nies li jifmhu iktar fuq dawn l-affarijiet anke biex jimtlew l-applikazzjonijiet.

7.20 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant kellem lir-residenti qed jaraw il-prezz li qed nitolbu ghall-attivitajiet gholi hafna ghalhekk m'hux qed jigi hadd u kull darba l-attivitajiet qed jigu kkancellati. Il-Kunsill xorta qed imur minn taht meta jigu ikkancellati l-attivitajiet ghax xorta qed ihallas ghal-printing.

7.21 Is-Sindku nfurmat li ma nistghux naghmlu xejn aktar, l-awdituri kienu gibdulna l-attenzjoni li l-attivitajiet batuna lura hafna bhala finanzi.

7.22 Jew isiru l-attivitajiet kif gie deciz jew ma jsir xejn. Nistghu nibdew nghidlu lill-Kappillan javza fil-quddies bl-attivitajiet li ikun ser ikollna.

7.23 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal li ghandu jsir Business Plan imma l-ewwel irid isir il-Budget. Il-Kunsilliera iridu jaraw xi progetti ghandhom biex jitwettqu ghal kumplament tal-legislatura.

7.24 Il-Minority Leader rega staqsa fuq il-post ghall-Ufficcju tal-Kunsill. Huwa qal forsi nistghu nohorgu expression of interest imma s-Sindku u s-Segretarju qalu li ma nistghux peress li hemm id-dejn li l-ewwel irid jithallas hu. Forsi ghandhna nohorgu expression of interest fil-gazzetti ghal-kera

7.25 Il-Kunsill qabel li ghandhna nfittxu post iehor bil-kera irhas mill-kera li qeghdin inhallsu. Ghandhom jigu kkuntatjati agenziji tal-propjeta bhal Remax, Dhalia, Sara Grech etc u naraw x'jistghu joffru b'kera baxx li jistgha jaffordja l-Kunsill.

7.26 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq il-kwistjoni ta' l-antenna. s-Segretarju nfurmat li kienet marret il-qorti ma' l-Avukat tal-Kunsill u peress l-Melita u l-Go inghaqdu flimkien kull ma trid issa hi li tittiehed issa hija id-decizjoni u ser tittiehed bejn Marzu jew April 2015

**8. PAGAMENTI**

8.1 Is-Segretarju poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' pagamenti ghax-xhar ta' Dicembru 2014, ghall-approvazzjoni tal-Kunsill

8.2 Il-pagamenti gew approvati unanimament.

**9. LAQGHA TAL-KUNSILL**

9.1 Il-Laqgha tal-Kunsill li jmiss ser tkun fl-20 ta' Jannar 2015 fil-5.00p.m.

**10. TMIEM**

Is-Seduta imtemmet fl-20.00 hrs b'mod unanimnu.

Magda Magri Naudi — Sindku

Georgette Borg — Segretarju Ezekuttiv